MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 307/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici zzewwget lill-konvenut fil-31 t'Ottubru, 2003 (Dok. A)

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett

serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

U illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg iniffsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta li Jirregola z-Zwigijiet.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1) Tiddikjara u tiddecidi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta’ l-attrici u ta’ omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ April, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-31 ta’ Ottubru, 2003 a bazi ta’ l-Artikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenut

huwa kontumacji u ma ressaqx provi izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F' materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni, imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz fejn il-konvenut huwa kontumacji u ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordimament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista' jfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

19 (1) (h) – li l-konvenut ma kellux fiz-zmien taz-zwieg il-fakoltajiet jew rieda bizzejjed biex johloq kunsens ghaz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher li l-partijiet izzewgu wara li kienu jafu lil xulxin ghal sitt xhur. Il-pern ta’ l-azzjoni attrici hija li skond l-attrici, il-konvenut ammetta maghha wara z-zwieg li huwa kien omosesswali u ma kellu ebda gibda lejn in-nisa. Ikkonferma dan ix-xhud John Galea li kien joqghod hdejhom u qal li ilu jaf li l-konvenut kien omosesswali ghaliex dejjem kien jarah fil-kumpanija ta’ rgiel notorjament omosesswali.

Il-Qorti fil-waqt li hija konvinta li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null, ghandha suspett serju li dan kien zwieg ta’ konvenjenza izda billi celebrat qabel giet fis-sehh l-emenda fil-Kapitolu 255 li kkreat reat minn zwieg simili m’hijiex f’posizzjoni li titlob investigazzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija izda twissi serjament lill-partijiet biex ma jirrepetux dan labbuz.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fil-31 ta’ Ottubru, 2003. L-ispejjes ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------